MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2012

Appell Kriminali Numru. 189/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Robert Caruana**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Robert Caruana talli fid-19 ta' April 2010 u fil-granet ta' qabel go Beehive Confectionery, 4 Alley 1, Ebona Street, Zebbug u go Passion Fruit, 8 Regent Place, Triq Tumas Fenech, Birkirkara:

(1) immanifattura, kellu fil-pussess tieghu jew biegh ghasel ippakkjat minn qabel (Beehive – honey wild thyme) kif imfisser fl-Ewwel Skeda tar-Regolamenti ta' l-2004 ta' l-Ghasel, li ma kienx jikkofnorma mal-htigijiet kif imnizzlin fit-Tieni Skeda ta' l-istess Regolamenti billi ma kellux il-

kriterji ta’ komposizzjoni tal-ghasel billi l-livell ta’ *diastase* kien inqas minn dak permess, billi l-konduttivita` ta’ l-elettriku kienet f’livell aktar minn dak permess, kif ukoll billi l-livell ta’ HMF, il-kontenut ta’ fruttozju u glukozju kien inqas minn dak permess u l-livell ta’ sakkarozju kien f’livell aktar minn dak permess;

(2) biegh jew kellu fil-pussess tieghu ikel (Beehive – honey wild thyme) li ma kienx tax-xorta, sustanza jew kwalita` ta’ ikel kif mitlub mix-xerrej;

(3) biegh jew kellu fil-pussess tieghu ippakkjat minn qabel (Beehive – honey wild thyme) li kien iqarraq lix-xerrej dwar in-natura, il-proprjetajiet u l-komposizzjoni tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, minbarra li taghti l-piena, tordna l-konfiska ta’ l-oggetti esebiti, kif ukoll tordna r-rifuzjoni ta’ l-ispejjez kollha nkorsi mill-Awtorita` tas-Sahha;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Marzu 2011 li permezz taghha dik il-Qorti lliberat lill-imsemmi Robert Caruana mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fl-14 ta’ April 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara li ma sarx apprezzament xieraq tal-provi u tal-ligi, u tiddeciedi l-mertu tal-kawza mill-gdid u ssib lill-appellat hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet il-provi; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-Avukat Generali jghid li l-aggravju tieghu jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-ligi u tal-fatti. Dwar il-fatti l-Avukat Generali jghid illi l-kampjun elevat minn hanut f’B’Kara kien ghasel prodott mill-appellat u mill-analizi rrizulta li ma kienx ghasel u ma

kienx jilhaq mar-rikjesti tal-ligi. Dwar l-allegati nuqqasijiet procedurali ravvizati mill-ewwel Qorti, l-Avukat Generali jirreferi fl-ewwel lok ghar-regolament 10(1)(b) ta' l-Avviz Legali 265/2002 (Regolamenti dwar procedura dwar it-tehid ta' kampjuni fis-sigurta` fl-ikel) li jipprovdi li meta l-ufficjal awtorizzat jiehu kampjun, huwa ghandu:

**"kull meta jintalab mill-bejjiegh jew minn min ikun responsabbli, fil-waqt tat-tehid tal-kampjun, u kemm-il darba, fil-fehma ta' l-ufficjal awtorizzat, ma jkunx ragonevolment prattikabbli li jsir il-qsim tal-kwantità mehuda jew dan ikun jinterferixxi ma' l-analisi jew l-ezami, huwa ghandu jaqsam il-kampjun fi tliet partijiet li jkunu ftit jew wisq indaqs, li parti wahda minnhom tigi moghtija lill-bejjiegh jew min ikun responsabbli, u z-zewg partijiet l-ohra jinzammu mill-ufficjal awtorizzat ghall-analisi jew ezami"**

L-Avukat Generali jghid illi l-ligi tghid b'mod car li trid issir it-talba mill-bejjiegh biex jinqasam il-kampjun fi tlieta, u dan meta jkun possibbli. U jkompli jghid: *"L-injoranza tal-ligi min-naha ta' l-imputat jew il-bejjiegh ma ghandha qatt tigi kkunsidrata bhala forma ta' difiza. Il-kampjun kif diga` nghad kien ittiehed minn hanut gewwa Birkirkara u tali sid ma kienx ghamel rikjesta biex ikollu kampjun meta kien jaf li tali kampjun ser jittiehed ghal analizi."* U aktar: *"Illi mhuwiex argument legalment validu ta' l-appellat imputat li jargumenta li ma setax ikun fil-posizzjoni li jiddefendi ruhu bl-aqwa mod kif trid il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja billi ma nghatax kopja tar-rizultat. Illi tali rizultat gie prodott bhala prova fil-kawza odjerna fejn l-istess appellat imputat seta' jsaqsi kull mistoqsija jew kontro-ezami lill-analista kif titlob il-ligi. Illi barra minn hekk gie kkofnermatmix-xhieda li l-imputat qatt ma talab li jinghata kopja tar-rizultat qabel il-procediment jew tul il-procediment tal-kawza."*

**6.** Dwar il-mankanza li jigi esebit vazett bl-ghasel, l-Avukat Generali jirreferi ghar-regolament 6 ta' l-imsemmi Avviz Legali 265/2002 li jipprovdi:

**“Fi procedimenti taht l-Att jew taht regolamenti maghmulin tahtu, meta xi wahda mill-partijiet iggib -**

**(a) xi dokument li jidher li jkun certifikat moghti minn analista ta’ l-ikel jew ezaminatur taht ir-regolament 5; jew**
**(b) xi dokument moghti lilha mill-parti l-ohra li jkun validat bhala vera kopja ta’ dak id-dokument,**

**dan ghandu jkun prova sufficjenti tal-fatti hemm dikjarati kemm-il darba, f’xi kaz li jinkwadra taht ir-regolament 5, il-parti l-ohra ma tkunx tehtieg lill-analista ta’ l-ikel jew l-ezaminatur ta’ l-ikel li jkun hareg dak ic-certifikat jixhed fil-procedimenti.”**

L-Avukat Generali jghid illi dan ir-regolament jaghti l-possibilita` lill-prosekuzzjoni li tipprezenta rizultat minghajr ix-xhieda ta’ l-analista, sakemm dan ikun skond ir-regolament 5 ta’ l-Avviz Legali, kif kien il-kaz. *“Iktar minn hekk titfa’ l-oneru fuq id-difiza biex titlob ghax-xhieda tal-food analyst jekk ikun hemm il-bzonn. F’din il-kawza d-difiza kellha kull cans biex taghmel dan imma ghazlet li ma taghmlux.”* Ghalhekk, isostni l-Avukat Generali, skond il-ligi applikabbli u a bazi tal-fatti skjaccanti prodotti, l-appellat kellu jinstab hati.

**7.** Issa, il-fatti f’dan il-kaz huma semplici. Fid-19 ta’ April 2010, l-*assistant principal health inspector* **Brian Zerafa** mar fil-hanut ta’ certu James Micallef bl-isem ta’ Passion Fruit u minn hemm xtara erba’ vazetti ta’ ghasel tad-ditta Beehive bl-iskop li jsir analizi ghal *“authenticity and antibiotic residues of honey”*. Tliet vazetti ntbaghtu l-laboratorju u wiehed inzamm minnu. Lil James Micallef avzah li dawn kienu qeghdin jinxtraw bhala parti minn *“sample programme”*. Brian Zerafa qal: “Mhux jigifieri mort nixtri bla ma ghidtlu xejn. Biex jekk irid jinforma wkoll lill-produttur li qed jittiehdu s-*samples* hux.” **James Micallef** ikkonferma li kienu marru “tas-sanita” ghandu u xtraw l-ghasel u li qalulu “biex jezaminawh”. Huwa qal li kien xtara l-ghasel, li kien f’vazetti bit-tikketta *“pure honey”* tad-ditta Beehive u b’carruta fuqhom, minghand certu Noel Grech. James Micallef ikkonferma li d-Dok. BKZ1 hija

fotokopja tal-fattura originali mnejn jirrizulta l-bejgh ta' l-ghasel lilu minn Noel Grech, il-Mazaga. Dan **Noel Grech** xehed li huwa importatur u *wholesaler* u kien igib l-ghasel minghand il-kumpanija Bee Hive li d-direttur taghha huwa Robert Caruana, l-appellat. Qal li kien ibieghlu dan il-prodott bhala ghasel u kien ikkonfezzjonat fi tnax-il vazett issigillati u maghmulin b'tali mod li "jidhru verament prodott maghmul tajjeb u artigjanali". Tas-sanita` kienu marru ghandu dwar wiehed mill-hwienet li lilhom kien biegh dan l-ghasel. Noel Grech ikkonferma li d-Dok. NG hija l-fattura tal-bejgh ta' l-ghasel in kwistjoni lilu mill-Beehive Confectionery. **Doris Gambin**, analista mal-*public health laboratory*, ikkonfermat li fid-Dok. BKZ3 hemm r-rizultat ta' l-analizi tal-kampjun ta' ghasel li ntbaghat lil-laboratorju. Ir-rizultat jindika li l-prodott ma kienx ghasel.

**8.** L-ewwel Qorti lliberat lill-appellat minhabba dak li rreferiet ghalihom bhala nuqqasijiet procedurali. Hija qalet li dan jirrizulta mill-fatt li ma nghatax il-fakulta` li jiehu *sample* mill-kampjun li ttiehed mill-ispettur sanitarju kif trid il-ligi kif ukoll mill-fatt li ma nghatax kopja tar-rapport dwar l-analizi biex b'hekk ikun f'pozizzjoni li jiddefendi ruhu bl-aqwa mod kif trid il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja.

**9.** Issa, mill-provi ma jirrizultax li l-appellat nghata kampjun, izda r-regolament 10(1)(b) ta' l-Avviz Legali 265/2002 jipprovdi ghal dritt diskrezzjonarju tal-"bejjiegh jew min ikun responsabbli" li jitlob kampjun – u ghalhekk *stricto jure* l-ufficjal awtorizzat mexa skond il-ligi. Din il-Qorti xorta hija tal-fehma illi l-produttur kellu jkun infurmat mill-awtoritajiet kompetenti illi kien ittiehed kampjun biex isir analizi u mhux jithalla f'idejn James Micallef biex "jekk irid" jinfurmah. Imbaghad, kwantu ghall-fatt illi l-appellat ma nghatax kopja tar-rapport, ghalkemm huwa certament rakkomandabbli li dan isir, l-ebda regolament ma jimponi dmir fuq l-awtoritajiet kompetenti biex jaghmlu dan. Ir-regolament 6 ta' l-imsemmi Avviz Legali 265/2002 jitkellem car dwar id-dokumenti msemmija f'dak ir-regolament bhala dokumenti li jigu esebiti fi "procedimenti taht l-Att jew taht regolamenti maghmulin tahtu". Mill-provi

mismugha minn din il-Qorti, pero`, jirrizulta illi wara li kien sar l-analizi tal-ghasel, kien baghat ghall-produttur, cioe` ghall-appellat, **Omar Grech**, *senior environmental health officer West Region, Zebbug*. Huwa xehed illi avza lill-appellat b'dak li kien instab, hadlu l-partikolaritajiet u nfurmah li kienu se jittiehdu passi legali. Mistoqsi mill-Qorti jekk l-appellat qallux xi haga meta kellmu, Omar Grech wiegeb hekk "Hu kien qalilna dakinhar meta kkonfrontajnieh: 'Gieli zidtu'." Din id-dikjarazzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, tikkostitwixxi ammissjoni cara u inekwivoka da parti ta' l-appellat u ma gietx kontradetta. Fic-cirkostanzi, u stante r-rizultanzi kollha fattwali, l-appell ta' l-Avukat Generali jimmerita akkoljiment.

**10.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, issib lill-appellat Robert Caruana hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu bl-assorbiment ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjoni fit-tielet imputazzjoni u, wara li rat l-artikoli 17(1) u 43(3)(a) tal-Kap. 449 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolament 3 ta' l-Avviz Legali 213/2004 u r-regolament 4.1 ta' l-Avviz Legali 483/2004, tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' elf euro (€1,000). Stante li ma gewx esebiti oggetti u ma saret l-ebda prova dwar il-*quantum* ta' spejjez inkorsi mill-Awtorita` tas-Sahha, din il-Qorti ma hi se taghti l-ebda provvediment fir-rigward.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------